# Smigħ ta' xhieda - Portugall

LISTA TAL- KONTENUT


- 1 L-oneru tal-provi
  - 1.1 X’inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?
  - 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F’liema każijiet ? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?
  - 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?
- 2 Is-smigħ tal-provi
  - 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f’ċerti każijiet l-imħallef jisma’ l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?
  - 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?
  - 2.3 F’liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?
  - 2.4 X’inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?
  - 2.5 X’inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X’inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta’ provi bil-miktub u ta’ perizji /opinjonijiet ta' esperti?
  - 2.6 Hemm xi mezzi ta’ prova li huma iktar b’saħħithom minn oħrajn?
  - 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta’ prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?
  - 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?
  - 2.9 F’liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?
  - 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista’ tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?
  - 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?
  - 2.12 X’inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smigħ ta’ xhud? B’liema kundizzjonijiet jista’ jinstema’ xhud permezz ta’ vidjokonferenza jew ta’ mezzi tekniċi oħrajn?
- 3 Il-valutazzjoni tal-provi
  - 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b’mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?
  - 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?


## 1 L-oneru tal-provi

### 1.1 X’inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regola li tirrigwarda l-oneru tal-provi hija li l-parti li għandha l-oneru trid turi li l-fatti allegati huma minnhom biex tkun tista' tiġi vvalutata l-validità tal-argumenti ppreżentati.

Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-oneru tal-provi, jiġifieri liema parti għandu jkollha l-oneru tal-provi, l-Artikolu 342 tal-Kodiċi Ċivili tistipula r-regola fundamentali. Skont dan l-Artikolu, il-persuna li tinvoka dritt trid tipprova l-fatti li jikkostitwixxu d-dritt, u l-parti li d-

dritt ikun invokat kontriha trid turi l-fatti li jimpedixxu, jimmodifikaw jew itemmu d-dritt. Fatti li jimpedixxu huma dawk li jkunu ta' ostakolu għall-istituzzjoni effettiva tad-dritt. Fatti li jimmodifikaw huma dawk li jalteraw l-ambitu tad-dritt li ġie stabbilit. Fatti li jtemmu huma dawk li, wara li d-dritt ġie stabbilit bħala validu, iwassluh fi tmiemu. F'każ ta' dubju, il-fatti jridu jitqiesu bħala kostituttivi.

Fil-każ ta' proċedimenti ta' valutazzjoni negattiva, fejn parti ma tkunx qed titlob sentenza kontra l-parti l-oħra imma tixtieq sempliċement li l-qorti tistabbilixxi n-noneżistenza ta' dritt jew fatt, huwa l-konvenut (il-parti li nfetħet il-kawża kontriha) li trid tipprova l-elementi li jikkostitwixxu d-dritt li qed jiġi allegat.

Fil-kawżi li jridu jinfetħu sa ċertu ammont ta' żmien wara dakinhar li l-attur (il-parti li tiftaħ il-kawża) ikun sar jaf b'ċertu fatt, huwa l-konvenut li jrid jipprova li t-terminu skada, sakemm ma jkunx hemm soluzzjoni oħra stabbilita mil-liġi.

Jekk id-dritt invokat mill-attur ikun suġġett għal kundizzjoni sospensiva (avveniment inċert fil-ġejjieni li l-partijiet għamlu l-effetti tat-tranżazzjoni ġuridika dipendenti minnu) jew għal data ta' skadenza inizjali (mument minn meta jibda jgħodd id-dritt), huwa l-attur li jrid jipprova li l-kundizzjoni ġiet issodisfata jew li l-iskadenza inizjali għaddiet. Jekk id-dritt ikun suġġett għal kundizzjoni riżoluttiva (avveniment inċert fil-ġejjieni li l-partijiet għamlu t-tmiem tal-effetti tat-tranżazzjoni ġuridika dipendenti minnu) jew għal data ta' skadenza finali (mument minn meta d-dritt ma jibqax jgħodd), huwa l-konvenut li jrid jipprova li l-kundizzjoni ġiet issodisfata jew li l-iskadenza finali għaddiet.

Ir-regoli ta' hawn fuq jinqalbu meta jkun hemm preżunzjoni legali (konsegwenza jew inferenza li l-liġi tiddeduċi minn fatt magħruf biex tistabbilixxi fatt mhux magħruf), eżenzjoni jew liberazzjoni mill-oneru tal-provi jew ftehim validu għal dak l-effett, u, b'mod ġenerali, fejn il-liġi tiddetermina hekk. L-oneru tal-provi jinqaleb ukoll jekk il-parti avversarja tkun għamlitha intenzjonalment impossibbli li jiġu ppreżentati l-provi mill-parti li għandha tipproduċihom.

Ftehim li jaqleb l-oneru tal-provi huwa invalidu meta jkun involut dritt inaljenabbli (dritt li ma jistax jiġi ċedut minn parti billi sempliċement tiddikjara li tixtieq iċċedih) jew meta jkun eċċessivament diffiċli biex wieħed mill-partijiet jeżerċita d-dritt. Bl-istess mod, ftehim biex jiġu esklużi kwalunkwe mezzi legali ta' prova jew li jippermetti mezzi ta' prova ħlief dawk previsti mil-liġi huma invalidi wkoll. Jekk id-deċiżjonijiet li jiġu mil-liġi relatata mal-provi jkunu bbażati fuq raġunijiet ta' ordni pubbliku, dan il-ftehim ikun invalidu f'kull ċirkostanza.

Meta l-evidenza tkun ippreżentata mill-parti li jkollha l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari, il-parti avversarja tista' tippreżenta kontroprovi bil-ħsieb li tqajjem id-dubji. Jekk ikun hemm biżżejjed dubju, id-deċiżjoni trid tmur kontra l-parti li kellha l-obbligu li tipprova l-fatt ikkonċernat.

Provi legali sħaħ jistgħu jiġu kuntrarjati minn provi li juru li l-fatt li wasslu għalihom ma kinux reali, mingħajr preġudizzju għal restrizzjonijiet oħrajn iddeterminati speċifikatament mil-liġi.

Kull min jinvoka dritt lokal jew barrani ta' konswetudni jkun responsabbli li jipprova l-eżistenza u l-kontenut tagħha, imma l-qorti għandha tagħmel ħiltha biex tikseb l-għarfien rispettiv *ex officio.* Il-qorti hija responsabbli wkoll għall-għarfien *ex officio* kull meta jkollha tiddeċiedi abbażi tad-dritt lokali jew barrani tal-konswetudni u l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun invokatu, jew il-parti avversarja tkun għarfet l-eżistenza u l-kontenut tiegħu jew ma tkunx oġġezzjonat. Jekk ma tkunx tista' tiddetermina l-kontenuti tad-dritt applikabbli, il-qorti tuża r-regoli tad-dritt komuni Portugiż.

**1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet ? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Iva, hemm regoli ta' dan it-tip.

Ma hemmx bżonn ta' provi għal fatti magħrufin sew, fi kliem ieħor dawk li jkunu għarfien pubbliku.

Lanqas ma hemm bżonn ta' provi għal fatti li l-qorti tkun taf bihom bis-saħħa tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; meta l-qorti tuża dawn il-fatti, prova dokumentata tal-fatti tinhemeż mal-kawża.

Bl-istess mod, parti li jkollha preżunzjoni legali (definita fuq) favuriha ma jkollhiex għalfejn tipprova l-fatt preżunt.

Il-preżunzjonijiet legali jistgħu jkunu kkontestati bil-preżentazzjoni ta' kontroprovi, ħlief fil-każijiet fejn il-liġi ma tippermettihx.

**1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-qorti tivvaluta liberament l-evidenza u l-imħallef jieħu d-deċiżjoni tiegħu skont il-konvinzjoni prudenti tiegħu rigward kull fatt.

Il-valutazzjoni libera tal-provi ma tkoprix il-fatti li l-liġi teħtieġ formalitajiet speċjali bħala prova għalihom, jew dawk li jistgħu jkunu ppruvati biss b'dokumenti jew huma ppruvati bis-sħiħ, jew b'dokumenti jew bi qbil jew b'konfessjoni tal-partijiet.

Il-qorti trid tqis il-provi kollha, sew jekk ġejja mill-parti li pproduċiethom u sew jekk le, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jiddikjaraw li provi ta' fatt huma irrilevanti jekk ma jkunux prodotti minn ċerta parti interessata.

Kull dubju dwar il-veraċità ta' fatt jew l-oneru tal-provi jissolva kontra l-parti li tibbenefika mill-fatt.

## 2 Is-smigħ tal-provi

### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-liġi tippermetti li l-kompitu tal-ġbir tal-provi jsir b'inizjattiva tal-imħallef.

Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li jwettaq jew jordna, inkluż *ex officio*, l-azzjonijiet kollha neċessarji għad-determinazzjoni tal-verità u n-natura reali tat-tilwima fir-rigward tal-fatti li għandhom ikunu magħrufin.

L-imħallef jista', f'kull stadju tal-proċedimenti, iħarrek lill-partijiet biex jidhru personalment biex jixhdu dwar il-fatti li jkunu ta' rilevanza għad-deċiżjoni kkonċernata.

Hija r-responsabbiltà tal-qorti, b'inizjattiva tagħha stess jew wara talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet, li titlob informazzjoni, opinjonijiet tekniċi, pjanijiet, ritratti, tpinġijiet, oġġetti jew dokumenti oħrajn neċessarji biex tkun iċċarata l-verità. Talbiet bħal dawn jistgħu jsiru lil korpi uffiċjali, lill-partijiet fil-kawża jew lil partijiet terzi.

Il-qorti, kull meta tqis li jkun xieraq li jsir hekk, tista', b'inizjattiva tagħha stess jew wara talba minn kwalunkwe waħda mill-partijiet, tinvestiga affarijiet jew nies. Dan irid isir b'tali mod li jissalvagwardja l-intimità tal-ħajja privata jew familjari u d-dinjità tal-bniedem u għandu jkun immirat lejn il-kjarifikazzjoni ta' kwalunkwe fatt li jkun rilevanti għad-deċiżjoni kkonċernata. Il-qorti tista' twettaq żjara fil-post jew tordna li ssir rikostruzzjoni tal-avvenimenti, jekk tħoss li jkun meħtieġ.

Meta, matul kawża l-qorti, ikun hemm raġunijiet biex ikun preżunt li persuna li ma tkunx tħarrket biex tixhed tkun taf fatti li huma importanti biex tittieħed id-deċiżjoni t-tajba fil-kawża, l-imħallef għandu jordna li dik il-persuna titħarrek biex tixhed il-qorti.

L-imħallef jista', *ex officio*, jordna perizja.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-provi ġeneralment isir f'forma ta' artikoli. Fi tmiem it-talba, l-attur irid jibgħat il-lista tax-xhieda u jitlob forom oħra ta' provi; jekk il-konvenut jikkontesta, irid jibgħat lista ta' xhieda bit-tweġiba tagħhom u jitlob forom oħra ta' provi. L-attur jista' jibdel it-talba oriġinali għall-ksib tal-provi, u jista' jagħmel dan fir-replika tiegħu, fejn applikabbli, jew fi żmien għaxart ijiem minn meta jkun innotifikat bil-kontestazzjoni. Fil-każ li l-konvenut jibgħat kontrotalba u l-attur iwieġeb, il-konvenut ikun jista' jemenda t-talba oriġinali tiegħu għall-ksib tal-provi fi żmien għaxart ijiem minn meta jkun innotifikat bir-replika.

Bħala regola ġenerali, il-provi jinġabru fis-seduta finali. Fuq bażi eċċezzjonali l-provi jistgħu jinġabru fi stadju iktar bikri. Il-provi jistgħu jkunu x-xhieda ta' persuni, xhieda peritali jew provi miksuba permezz ta' eżami ġudizzjarju. Għall-preżentazzjoni bikrija ta' dawn il-provi, irid ikun hemm biża' fundata li jista' jkun impossibbli jew diffiċli ħafna li tinġabar ix-xhieda minn ċerti persuni matul il-kawża ġudizzjarja proprja jew li ċerti fatti jkunu jistgħu jiġu vverifikati b'perizja jew spezzjoni.

Wara li jkunu ammessi talbiet għall-ksib ta' provi matul is-seduta preliminari, fejn jistgħu jkunu emendati, jew jekk dan ma japplikax għall-ordni kompetenti, is-seduta finali tissejjaħ wara li jinstemgħu r-rappreżentanti legali.

Il-lista tax-xhieda tista' wkoll tinżdied jew tiġi emendata sa 20 jum qabel id-data ta' meta ssir is-seduta finali u l-parti l-oħra tkun innotifikata biex tuża din il-possibilità, jekk tkun tixtieq, fi żmien ħamest ijiem.

Ħlief f'każijiet meta ċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw li l-imħallef jibdel l-ordni tal-avvenimenti legali, fis-seduta finali l-ġbir tal-provi jibda billi l-partijiet jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Imbagħad, jekk il-provi jkunu jinkludu vidjoreġistrazzjonijiet jew awdjoreġistrazzjonijiet, dawn ikunu eżibiti.

Dawn jistgħu mbagħad ikunu segwiti minn kjarifiki verbali minn periti li jkunu tħarrku biex jidhru l-qorti wara tal-partijiet jew mill-qorti stess, wara eżami tax-xhieda.

Wara li jkunu nġabru l-provi, jiġu diskussi l-fatti. F'dawn id-diskussjonijiet, l-avukati jistabbilixxu l-konklużjonijiet *de facto* u *de jure*, li jkunu wasslu għalihom bis-saħħa tal-provi eżibiti, b'kull avukat ikun jista' jirribatti darba.

Wara l-konklużjoni tas-seduta finali, il-kawża tiġi rinvijata lill-imħallef biex jagħti s-sentenza fi żmien 30 jum. Jekk l-imħallef iħoss li ma jkunx infurmat biżżejjed, jista' jmur lura fl-awla biex jisma' lil min jixtieq u jordna li jittieħdu l-passi neċċessarji biex tiġi ċċarata l-kwistjoni dubjuża.

### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

It-talba għall-ksib tal-provi tista' tkun miċħuda jekk tkun ippreżentata wara li jiskadi ż-żmien stipulat mil-liġi għal din il-fini.

Talba għall-ksib tal-provi tista' tiġi miċħuda kompletament jew parzjalment anke jekk tiġi ppreżentata fil-ħin, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: l-għadd ta' xhieda għal ċertu tip ta' proċedura jinqabeż (dawk li jaqbżu l-limitu jridu jiġu miċħuda); l-imħallef iħoss li talba għal perizja tkun irrilevanti jew dilatorja; xi ħadd li jista' jixhed bħala parti jiġi elenkat bħala xhud; jintalbu dikjarazzjonijiet ta' parti li jinvolvu fatti diżonesti jew kriminali li l-parti kkonċernata tkun akkużata li għamlet; jew il-parti tintalab tixhed dwar fatti li ma jinvolvux konfessjoni. Provi oħrajn li mhumiex aċċettabbli huma provi li jinvolvu l-kxif ta' sigriet Statali jew professjonali jew ta' sigriet kopert mis-segretezza li trid tiġi osservata mill-ħaddiema tas-servizz pubbliku, li, madankollu, jistgħu jkunu skużati skont it-termini stabbiliti mil-liġi.

Wara, waqt is-seduta finali u wara li x-xhud ikun ħa l-ġurament, l-imħallef iwettaq eżami preliminari, li jipprova jidentifika lix-xhud u jiskopri jekk jiġi minn wieħed mill-partijiet jew hux ħabib jew għadu tiegħu, jekk hux qiegħed f'relazzjoni dipendenti mal-partijiet ikkonċernati u jekk għandhomx xi interess, direttament jew indirettament, fil-kawża. Jekk it-tweġibiet juru li l-parti dikjaranti ma tistax taġixxi ta' xhud jew mhix il-persuna li kellha titħarrek, l-imħallef ma jaċċettahomx bħala xhieda. Huma biss dawk li ma jbatux minn anomalija psikika u li jkollhom l-attitudni fiżika u mentali li jixhdu dwar fatti li jridu jkunu ppruvati li jistgħu jkunu xhieda, u l-imħallef huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-kapaċità naturali tal-persuni elenkati bħala xhieda sabiex jivvaluta l-ammissibilità u l-kredibilità tal-evidenza tagħhom.

Mhix ammessa xhieda jekk id-dikjarazzjoni tan-negozju, bil-liġi jew kif stipulata mill-partijiet, trid tkun bil-miktub jew trid tkun ippruvata bil-miktub. Ma tiġix ammessa xhieda meta l-avveniment ikun ġie ppruvat bis-sħiħ b'dokumenti jew b'mezzi oħrajn b'valur probatorju sħiħ. Ix-xhieda mhix ammissibbli jekk tkun ibbażata fuq kwalunkwe ftehim li jmur kontra jew iżid mal-kontenut ta' dokumenti awtentiċi jew privati b'valur probatorju sħiħ, irrispettivament minn jekk il-ftehimiet ikunux saru qabel, wara jew fl-istess ħin tal-ħolqien tad-dokument.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Jeżistu l-mezzi ta' prova li ġejjin:

a) Dokumenti;

b) Prova ta' konfessjoni;

c) Id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

d) Ir-rapporti tal-periti;

e) Spezzjoni ġudizzjarja;

f) It-testimonjanza tax-xhieda;

g) Prova bi preżentazzjoni ta' oġġetti;

h) Preżunzjonijiet.

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjonijiet ta' esperti?

Id-differenzi fl-effikaċja dimostrattiva tal-mezzi ta' prova ma jiddependux minn jekk ikunux orali jew miktuba.

Il-qorti hija marbuta biss bi provi b'valur probatorju predeterminat mil-liġi, u skont it-termini u l-limiti speċifikati: prova b'dokumenti awtentiċi jew privati, li l-awtentiċità tagħhom tkun stabbilita b'mezzi rikonoxxuti (cf. l-Artikoli minn 362 sa 387 tal-Kodiċi Ċivili), konfessjoni (cf. l-Artikoli minn 352 sa 360 tal-Kodiċi Ċivili) u l-preżunzjonijiet legali (l-Artikoli minn 349 sa 350 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-valutazzjoni tal-provi l-oħrajn issir skont il-prinċipju tal-valutazzjoni libera tal-provi, mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda regoli ħlief ir-regoli ta' esperjenza, jiġifieri, is-sentenzi ġenerali u astratti tas-suċċessjoni kawżali. Il-provi jitqiesu skont il-konvinzjoni li jkun ifforma l-imħallef dwar il-fatti, wara li jkun ikkunsidra dawn ir-regoli.

#### 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Effettivament, il-liġi tattribwixxi gradi differenti ta' effikaċja dimostrattiva lil mezzi ta' prova differenti.

Il-valutazzjoni libera tal-provi hija eskluża u xi mezzi ta' prova jieħdu preċedenza fuq oħrajn meta l-liġi tattribwixxi grad speċifiku ta' importanza lil mezz ta' prova partikolari jew meta titlob xi formalità speċjali għall-eżistenza jew il-prova ta' fatt ġuridiku. F'każijiet ta' provi legali negattivi, il-liġi ma tippermettix l-użu ta' ċertu tip ta' provi mill-imħallef biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu.

Fir-rigward tal-ġbir tal-provi permezz tas-smigħ tat-testimonjanza ta' xhieda, is-smigħ verbali tal-periti (bħala regola ġenerali, il-periti jinstemgħu biss fis-seduta finali jekk ikun hemm bżonn li jipprovdu kjarifiki verbali, peress li r-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħhom jingħataw f'rapporti miktubin), spezzjonijiet ġudizzjarji, rapporti investigattivi u dokumenti mhux definit mil-liġi bħala li għandhom xi sinifikat speċjali, il-qorti tivvaluta liberament din l-evidenza kollha.

L-effikaċja dimostrattiva tat-testimonjanza tax-xhieda tiġi kkunsidrata liberament mill-imħallef. Madankollu, testimonjanza ta' xhud ma tistax tintuża biex tieħu post dokument meħtieġ skont il-liġi jew biex tikkuntrarja jew iżżid mal-kontenut ta' ċerti dokumenti.

Il-qawwa tal-provi mogħtija fit-tweġibiet tal-periti tkun ivvalutata liberament mill-qorti u l-istess japplika fir-rigward tar-riżultati tal-investigazzjonijiet ġudizzjarji.

Dokumenti awtentiċi (jiġifieri dawk miktubin minn awtorità pubblika kompetenti jew uffiċjal fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu) huma meqjusa li jippruvaw bis-sħiħ il-fatti li jsemmu bħala li twettqu minn dawn l-aġenti flimkien mal-fatti attestati minnhom fuq il-bażi tal-fehim tal-entità dokumentatriċi (jiġifieri, dawn id-dokumenti jirrappreżentaw turija ta' prova li tista' tiġi kkontestata biss bi prova kuntrarja). Dokumenti privati, fejn il-firem jew il-kitba, jew il-firma biss, jiġu rikonoxxuti jew ma jiġux ikkontestati mill-parti li d-dokument jiġi ppreżentat kontriha, jew meta, minkejja li l-firma u l-kitba jkunu ġew attribwiti lilhom, jiddikjaraw li ma jkunux jafu humiex tagħhom, jew jitqiesu li jkunu awtentiċi, kemm ġuridikament u kemm ġudizzjarjament, u dokumenti privati, fejn il-firem jew il-kitba tkun ġiet awtentikata minn nutar pubbliku tista' tintuża bħala prova tad-dikjarazzjonijiet attribwiti lil min kitibhom, imma dan ma jipprevjenix li jitressqu argumenti jew provi ta' falsità fir-rigward ta' dawn id-dokumenti. Il-fatti inklużi fid-dikjarazzjoni jitqiesu li jkunu ġew ippruvati sakemm ikunu kuntrarji għall-interessi tal-parti dikjaranti. Id-dikjarazzjoni trid, madankollu, titqies fl-intier tagħha. Dokumenti privati awtentikati skont il-liġi notarili għandhom il-qawwa ta' prova ta' dokumenti awtentiċi, imma ma jissostitwuhomx meta l-liġi tkun teħtieġ dawn id-dokumenti għall-validità tal-att.

Konfessjoni ġudizzjarja miktuba għandha valur probatorju sħiħ kontra l-persuna li tikkonfessa. Konfessjoni mhux ġudizzjarja, fil-forma ta' dokument awtentiku jew privat, titqies li tkun ippruvata skont it-termini applikabbli għal dawk id-dokumenti u, jekk tkun saret lill-parti l-oħra jew lir-rappreżentant tagħha, u titqies li għandha valur probatorju.

Konfessjoni mhux ġudizzjarja li ma tiħux il-forma ta' dokument ma tista' tkun ippruvata minn xhieda f'każijiet meta ma tkunx ammessa evidenza testimonjarja; meta din tkun ammessa, il-qorti tqis liberament il-valur probatorju tagħha.

Konfessjonijiet ġudizzjarji mhux miktuba u konfessjonijiet mhux ġudizzjarji lil parti terza jew li qegħdin f'testment jiġu kkunsidrati liberament mill-qorti.

Konfessjoni mhix prova kontra l-persuna li tikkonfessa: a) jekk tiġi dikjarata insuffiċjenti skont il-liġi jew tkun tiddependi minn fatti li r-rikonoxximent jew ir-riċerka tagħhom hija pprojbita mil-liġi; b) jekk tkun tiddependi minn fatti relatati ma' drittijiet inaljenabbli; c) jekk il-fatt ikkonfessat ikun impossibbli jew kjarament ineżistenti.

#### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta’ prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Iva, hekk hu skont il-liġi Portugiża.

Meta l-liġi titlob, bħala forma ta' dikjarazzjoni tan-negozju, dokument b'ċerta formalità, dak id-dokument ma jkunx jista' jiġi sostitwit minn mezz ieħor ta' prova jew minn dokument ieħor ħlief jekk ikollu valur probatorju ogħla.

Meta l-liġi titlob kwalunkwe formalità speċjali għall-eżistenza jew prova ta' fatt ġuridiku, dan ma jkunx jista' jiġi dispensat.

#### 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Il-persuni kollha, sew jekk ikunu partijiet fil-kawża u sew jekk le, huma meħtieġa jikkooperaw biex tinstab il-verità. Huma jridu jwieġbu l-mistoqsijiet li jsirulhom, jaċċettaw l-investigazzjonijiet neċessarji, jipprovdu dak li jintalbu, u jwettqu l-atti li se jkun hemm deċiżjoni dwarhom.

#### 2.9 F’liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jixhdu, ħlief fi proċedimenti bl-għan li jivverifikaw it-twelid jew il-mewt ta' tfal:

- Axxendenti f'kawżi li jinvolvu dixxendenti, u ġenituri adottivi f'kawżi li jinvolvu tfal adottati, u viċi versa;
- Kunjatu jew kunjata f'kawżi li jinvolvu binhom tar-rispett jew binthom tar-rispett, u viċi versa;
- Kwalunkwe konjuġi jew ekskonjuġi f'kawżi fejn waħda mill-partijiet hija l-konjuġi l-ieħor jew ekskonjuġi;
- Kull min għex jew kien jgħix fi sħubija ċivili b'kundizzjonijiet simili għal dawk ta' konjuġi flimkien ma' kwalunkwe waħda mill-partijiet fil-kawża.

Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li javża lin-nies imsemmija fuq li jistgħu jirrifjutaw li jixhdu.

Xhieda marbuta bis-sigriet professjonali, bis-sigriet tal-impjegati taċ-ċivil u b'sigrieti Statali jistgħu jirrifjutaw leġittimament li jixhdu fir-rigward ta' fatti koperti minn din is-segretezza.

#### 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

B'konformità mat-tweġiba preċedenti, persuni li jirrifjutaw li jixhdu ma jkunux sanzjonati jew meħtieġa jikkooperaw mal-qorti, peress li dan hu d-dritt legali tagħhom.

#### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Iva, hemm persuni li ma tistax tinkiseb xhieda mingħandhom.

Dawn huma nies li ma jistgħux jixhdu minħabba anomalija psikika u dawk li mhumiex fiżikament jew mentalment b'saħħithom biżżejjed biex jixhdu dwar il-fatti li jridu jiġu ppruvati.

Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li jivvaluta l-kompetenza tal-persuni mħarrka biex jixhdu bħala xhieda.

Persuni li jistgħu jixhdu bħala partijiet fil-kawża ma jistgħux jixhdu bħala xhieda.

#### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smigħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ix-xhieda jixhdu fis-seduta finali personalment jew b'vidjokonferenza, ħlief fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- Meta l-provi jinġabru fi stadju aktar bikri (dan jista' jsir meta jkun hemm biża' fundata li jista' jkun impossibbli jew diffiċli ħafna li tinstema' x-xhieda minn ċertu persuna);
- Il-provi jinġabru b'ittri rogatorji mibgħuta lil konsulat Portugiż;
- Il-provi jittieħdu fir-residenza ta' persuna jew il-kwartieri tas-servizz (prerogattiva konċessa mill-President tar-Repubblika u aġenti diplomatiċi barranin bil-kundizzjoni ta' reċiproċità);
- Ikun impossibbli għalihom li jidhru l-qorti;
- Tintuża l-prerogattiva li jixhdu bil-miktub.

Ix-xhud irid jixhed b'mod preċiż, li jindika r-raġuni u ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-għarfien minnu tal-fatti; kemm jista' jkun, ir-raġuni invokata għall-għarfien tkun stabbilita fid-dettall u tkun fundata.

L-eżami jsir mill-avukat tal-parti li ssejħet biex tixhed. L-avukat tal-parti l-oħra jista', fir-rigward tal-fatti koperti fit-testimonjanza, jinterroga lix-xhud biex jikkompleta jew jiċċara t-testimonjanza.

L-imħallef ma jridx iħalli lill-avukati jkunu maledukati max-xhieda jew jagħmlu mistoqsijiet jew kunsiderazzjonijiet li jkunu irrilevanti, suġġestivi, qarrieqa jew offensivi.

L-eżami u l-kontroeżami jsiru mir-rappreżentanti tal-partijiet, mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni mitluba mill-imħallef jew mill-fatt li l-imħallef jista' jagħmel il-mistoqsijiet li jħoss li jkunu xierqa għad-determinazzjoni tal-verità.

Fejn ikun hemm bżonn l-imħallef jagħmel l-eżami tax-xhieda hu stess biex jiżgura t-trankwillità tax-xhud jew biex itemm kontroeżami mhux xieraq.

Qabel ma x-xhud iwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu sarulu jista' jikkonsulta l-att tal-kawża, jitlob li jintwera ċerti dokumenti li jifformaw parti mill-kawża, jew jippreżenta dokumenti bl-għan li jikkorroboraw it-testimonjanza tiegħu; huma biss dokumenti li l-parti rispettiva ma setgħetx toffri li jintlaqgħu u jiġu inklużi fl-atti tal-kawża.

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

#### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Provi miksuba illegalment ma jistgħux jitqiesu mill-qorti.

#### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva, flimkien mat-testimonjanza tal-parti msemmija fuq, id-dritt proċedurali Portugiż jagħti wkoll lill-partijiet l-għażla li jipprovdu dikjarazzjonijiet.

Il-partijiet jistgħu, sal-bidu tal-allegazzjonijiet orali fl-ewwel istanza, jitolbu l-awtorizzazzjoni biex jipprovdu dikjarazzjonijiet dwar il-fatti fejn kienu involuti personalment jew li għandhom għarfien dirett dwaru.

Il-qorti tikkunsidra liberament id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, ħlief meta jkunu jinvolvu konfessjoni.

F'dan ir-rigward, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2.6

**Aktar tagħrif**

### Il-leġiżlazzjoni applikabbli

Il-Kodiċi Ċivili

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

**Aktar tagħrif**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

Il-Ġurnal Uffiċċjali

Il-Bażi ta' Dejta tad-Dokumenti Ġuridiċi

---

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 30/04/2018